**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar id-29 ta' Marzu 2021**

**Rik. Gur. Nru: 320/2018 JPG**

**Kawza Numru : 38**

**DT**

**-vs-**

**AS u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' DT, datat 6 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni li l-partijiet kellhom flimkien twieldet MT nhar X;*

2. *Illi fic-certifikat tat-twelid l-imsemmija minuri giet registrata bhala wild missier mhux maghruf (ara certifikat anness u mmarkat Dok. 'A').*

3. *Illi minkejja li l-intimat kien konsapevoli li l-esponenti kienet qed tistenna tarbija u li hu kien il-missier, l-istess intimat sparixxa minn hajjet ir-rikorrenti u dan minkejja diversi tentattivi da parti ta' l-esponenti sabiex taghmel kuntatt mieghu;*

4. *Illi l-esponenti interpellat lill-intimat sabiex jersaq ghar-rikonoxximent tal-minuri, inkluz permezz tal-ittra ufficcjali bin-numru progressiv 33/2018, izda dan baqa' inadempjenti (ara Dok. 'B').*

5. *Illi l-esponenti kemm-il darba ppruvat tasal f'arrangament bonarju ma' l-intimat izda dan ma ried jasal ghal ebda ftehim u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

6. *Illi l-esponenti ghandha interess li tigi dikjarata l-paternità tal-minuri MT..*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, u dan okkorrendo bl-opra ta' periti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi l-intimat AS huwa l-missier naturali tal-minuri MT li twieldet f'X.*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri MT sabiex il-paternità tal-istess minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att tat-twelid billi fil-kolonna fejn hemm miktubin id-dettalji tal-missier, prezentement "Unknown Father", l-istess dettalji jigu sostitwiti bid-dettalji tal-missier naturali tal-minuri MT, ossia AS.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat jew min minnhom li huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

.

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta' Jannar 2019, a fol 13 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

2. *Illi stante s-suespost, l-esponent jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u*

*umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġi vverifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri MT;*

3. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut AS sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tiegħu meta twieldet MT, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet MT, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet MT. Tali informazzjoni hija meħtiega sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi MT u dan a tenur tal-Artikolu 92 (5) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' AS datata 23 ta' Jannar 2019, a fol 17 li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva li*

   i. *Huwa sar jaf tramite dawn il-proċeduri b'din is-sitwazzjoni u qatt qabel għajr ittra uffiċjali ma kien irċieva xejn;*
   ii. *Lanqas biss kien jaf li l-attriċi kienet tqila;*
   iii. *Wisq inqas ma kien jaf li kellha tifla u li skont hi hija tiegħu;*

*iv. Illi llum din it-tifla MT għandha X il-sena, l-esponenti qatt ma raha f'ħajtu;*

2. *Illi għalhekk iridu jsiru it-testijiet xjentifiċi tad-DNA sabiex jiġi stabbilit min hu l-missier bioloġiku tal-minuri peress li ma hemmx prova li l-esponenti huwa l-missier bioloġiku tal-minuri;*

3. *Illi l-esponenti ma għandux ibati spejjez ta' din il-proċedura għax kienet l-attriċi li ħbiet dawn il-fatt minnu u b'għazla tagħha li saru issa u b'konsegwenza ta' hekk xejn ma jista jreġġa l-arloġġ lura sabiex huwa jibni relazzjoni ma din it-tifla jekk jirrizulta li hi tiegħu;*

4. *Salv Eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**DT xehdet permezz ta' affidavit a *fol 34 et seq*** illi hija kellha relazzjoni mal-intimat AS u ta' sbatax-il sena hija kienet harget tqila bil-minuri MT li twieldet X u li illum il-gurnata ghandha kwazi X – il sena. Spjegat illi hija kienet taf li l-konvenut kien diga' kellu tifla minn relazzjoni precedenti. Wara li infurmatu li hi kienet harget tqila, il-konvenut beda jevitaha u meta kienet icempillu kemm fuq il-*mobile* u kif ukoll fuq il-*landline* qatt ma kien jirrispondi t-telefon. Izzid illi sahansitra kienet anke baghtitlu ittra izda qatt ma rceviet risposta ghar-rigward.

Tirrileva illi hija kienet kompliet it-tqala wahidha, u wara li weldet kienet anke ghaddiet flimkien ma' ohta d-dar t'omm il-konvenut, imma hadd ma kien fethilha. Ukoll, kienet anke pruvat taccedi ghall-pagna ta'facebook tal-konvenut izda mill-account taghha ma kienx irnexxilha stante li jidher li hija kienet giet blocked u filfatt mill-*account* ta' ohtha, kienet sabet il-profil tal-konvenut. Tinnega illi hija hbiet minnu t-tqala u li huwa kien il-missier.

Isemmi illi kien hemm perjodu qabel ma hija intavolat il-proceduri odjerni fejn permezz tal-avukati rispettivi kien hemm korrispondenza bejnha u l-konvenut, u li sahansitra f'dak l-istadju l-

konvenut kien anke accetta li jissottoponi ruhhu ghat-testijiet genetici izda fil-gurnata tal-appuntament, il-konvenut ma kienx deher. Illi kien ghalhekk li sussegwentement baghtet ittra ufficjali lill-konvenut izda minkejja li gie notifikat huwa baqa inadempjenti u ghalhekk kellha tiftah il-proceduri odjerni.

**Il-konvenut AS ukoll xehed permezz ta' affidavit *a fol 54 et seq.*** Spjega illi meta huwa iltaqgha mal-attrici, kien ghadu kif hareg minn relazzjoni ta' hdax- il sena, mill-liema relazzjoni kellu tifla. Jirrileva illi dakinhar li iltaqa' mal-attrici, l-attrici kienet qaltlu li ma kellix biex tmur id-dar u staqsitu jekk iwassaliex sad-dar kif filfatt ghamel. Izid illi l-attrici kienet qaltlu li ghandha wiehed u ghoxrin sena (21) u li hu kien emmnu dan stante li l-attrici kien fiha tifla u anke kienet itwal minnu, u li filfatt kienet hi li ipprovokatu biex ikollhom relazzjoni intima, tant li kienet l-attrici li ssuggerit li morru fl-imwarrab ghal dan il-ghan. Wara dan il-lejl, jispjega li ghamlu erba gimghat jiltaqghu. Jinnega li l-attrici qaltlu li kellha suspett li kienet tqila u qatt ma cemplitlu biex tghidlu li effettivament kienet tqila. Jispjega illi huwa qata' l-kuntatt minn mal-attrici ghal diversi ragunijiet. Jichad li l-attrici marret thabbat ghand ommu wara li twieldet it-tifla u li l-attrici ma setghatx issibu fuq facebook, ghaliex ohtha kienet ghamlet zmien tahdem fuq l-istess post tax-xoghol tieghu.

Isostni illi huwa sar jaf bl-ezistenza ta' MT meta rcieva l-ittra ufficjali. Izid illi meta sar jaf b'dan huwa ha qatgha kbira peress li kienu ghaddew X- il sena, u li anke ghamel zmien ibati b'dipressjoni u li kellu rabja kbira fil-konfront tal-attrici minhabba li cahditu minn bintu. Jirrileva illi huwa missier ta' tlett (3) itfal ohra u li dejjem refa' r-responsabbilita' ta' missier u li huwa gie mcahhad milli jkun prezenti fit-trobbija ta' bint il-partijiet mill-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob illi l-konvenut AS jigi maghruf bhala l-missier naturali tal-minuri MT li twieldet nhar X kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-minuri *a fol 3* u li sal-llum il-gurnata hija ddikjarata bhala wild missier mhux maghruf.

Din il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq l-artikolu 86A tal- Kodici Civili, li jipprovdi:

***"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna rreġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."***

Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."***[1]

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar *a fol 26 et seq*, it-testijiet genetici li saru fuq il-konvenut AS u l-minuri MT, jistabilixxu illi l-istess konvenut huwa l-missier bijologiku tal-minuri. Illi ghalhekk, u in vista tar-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi l-konvenut huwa l-missier bijologiku tal-minuri bint il-partijiet.

Rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi permezz ta' nota datata 12 ta' Frar 2021, l-attrici rrilevat illi fl-eventwalita' li din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, il-minuri ghandha tibqa' izzomm il-kunjom T. Din il-Qorti hija tal-fehma illi stante li llum il-minuri ghandha kwazi X sena, u ilha tul hajjitha kollha ggib il-kunjom T, ma jkunx fl-ahjar interess taghha li wara dan iz-zmien kollu, u f'dan l-istadju ta' hajjitha, tbiddel kunjomha.

Illi ghalhekk u tenut kont tal-fatt li llum l-gurnata l-minuri qeghda fl-istadju tant delikat tal-addolexxenza, hija tal-fehma li tali ghazla hija wahda li ser tevita li l-minuri tbati minn xi pregudizzju jew disagju. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi kunjomha jibqa' 'T.'

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

**Ikkonsidrat:**

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, din il-Qorti wara li semghat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-Qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***

***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-***

***dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet huma drastikament opposti u konfliggenti, bi qbil bejn l-avukati difensuri tal-partijiet, ma saru l-ebda kontro ezamijiet u dana stante li essenzjalment dawn huma proceduri intizi biex tigi stabbilita l-paternità ta' wild u sabiex tigi ordnata r-registrazzjoni tal-istess fl-atti tal-istat civili relattivi.

Il-Qorti tinnota illi minkejja li l-konvenut ta l-kunsens tieghu sabiex jissottometti ruhhu ghat-testijiet genetici relattivi sabiex tigi stabbilita l-paternita' o meno tal-minuri, effettivament fil-proceduri odjerni kien hu dak li kaxkar saqajh biex attenda ghall-appuntamenti moghtija. Ulterjorment, tinnota wkoll illi l-konvenut baqa inadempjenti wara li gie notifikat bl-ittra ufficjali mibghuta mill-attrici fis-sena elfejn u tmintax (2018).

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tqis illi l-konvenut AS ghandu ibghati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddisponi mill-bqija tal-eccezzjoni tal-konvenuti kif gej:**

1. **Tiddikjara illi l-konvenut AS huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri, MT imwielda f'X lill-attrici DT;**

2. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri MT, innumerat 1372/2005 fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tal-konvenut AS detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru Y, imwieled il-Pieta u iben RS li**

**kien haj fil-mument tat-twelid tal-minuri, u li l-konvenut AS kellu Z sena meta twieldet il-minuri, u kien residenti B;**

3. **Tordna, illi l-minuri MT ghandha tibqa magħrufa bil-kunjom *T*;**

**Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tad-Direttur Registru Pubbliku, a karigu tal-konvenut AS.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**